**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52** **16 ta' Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Kearon Bruno – Viċi Sindku

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Eric Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku John Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**52.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 51**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 51, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 51 ġew approvati b'mod unanimu.

**52.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li ntbaghtet korrispondenza mill-Malta Community Chest Fund sabiex il-Kunsill joffri transport lir-residenti ta' Hal Luqa.

52.2.2 Se tkun qed issir żjara mill-Onorevoli Ministru Aaron Farrugia nhar it-23 ta' Novembru 2023 fil-11.00am.

52.2.3 Is-Sindku John Schembri nfurma li se tkun qed terġa' ssir il-mixja tal-Banda Unjoni, nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru .

**52.3** **MOZZJONIJIET**

52.3.1 **Mozzjoni mis-Sindku John Schembri**

Nipproponi li l-Unur Ġieħ Ħal Luqa jingħata lil Cettina Darmenia Brincat (in absentia) li kienet eletta bħala waħda mill-ewwel nisa fil-Parlament Malti u matul is-snin, tat servizz lill-komunita' Ħal Luqija.
Il-Kunsillier Andrew Cassar ġibed l-attenzjoni li s-Sinjura Darmenia Brincat diġa ngħatat dan il-ġieħ, skont il-plakki li hemm installati fil-Kunsill.
Wara verfika s-Sindku rtira l-mozzjoni.

52.3.2 **Mozzjoni mis-Sindku John Schembri**
Nipproponi li l-Kunsill Lokali japplika għall-iSkema ta' Parkeġġ Residenzjali, proposta mill-Assoċjazzjoni għall-Gvern kif ġej;

Triq Ġanni Vassallo
Triq Kan. Ġwann Borg
Triq Ħal Tarxien

Triq Patri Indri Schembri
Triq Anton Falzon

Ħal Farruġ
Triq Ħal Qormi
Triq il-Qasam Sperimentali

Il-Kunsillier Andrew Cassar issekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw favur 6 kunsilliera prezenti. Ħadd ma vvota kontra. Ma kien hemm l-ebda astensjoni.
Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**52.4 Xogħlijiet**

Is-Sindku ppropona li jsir extensive patching fi Triq Sir Ugo Mifsud u Triq il-Biedja.

Is-Sindku nfurma li l-Awtorita' tad-Djar għalqu l-aċċess ta' Triq il-Vitorja, zona ta' Ħal Farruġ u ħolqu nkonvenjent għar-residenti, għaliex spiċċaw m'għandhomx aċċess għal djarhom. Is-Sindku nfurma li sar rapport lill-Housing Authority sabiex jagħmlu sinjali adegwati.

Is-Sindku nfurma li GreenMT neħħiet il-Bring-in Sites sakemm jitwaħħlu s-CCTV Cameras sabiex min jabbuża jeħel il-multi.

**52.5 Attivitajiet**

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** nfurma li l-attivita' ta' Novembru 2023, li se ssir mir-Reġjun għaddejjin il-preparamenti.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** talab li jinħareġ poster tal-attivita'.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** staqsa x'se jkun se jsir fil-15 ta' Diċembru 2023. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li ssir laqgħa dwar din l-attivita'.

Dramm tal-Passjoni minn Skene għas-Sena 2024. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni fil-prinċipju. Għaldaqstant talab li jinġabru l-istimi u jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**52.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**52.6.1** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li jsiru Zebra Crossings bis-solar panels fi Triq il-Belt Valletta.

**52.6.2** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li jsiru dwal ġodda fi Triq Gorg Zahra u Triq Victor Caruana kif ukoll road markings. Is-SIndku nfurma li ż-żebgħa tat-triq se ssir minn Infrastructure Malta.

52.6.3 Il-Kunsillier Andrew Cassar infurma li r-residenti qed jitolbu li jsur lezzjonijiet ta' Line Dancing.

52.6.4 Il-Kunsillier Frederick Aquiina staqsa x'sar dwar it-traffic management madwar l-iskola primarja. Is-SIndku John Schembri qal li qed jistenna l-pjan minn Transport Malta.

**52.7 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Eric Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Andrew Cassar ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**52.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta' Novembru 2023 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum **<u>14 ta' Novembru 2023</u>**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

50.4

50.4.1

50.4.2

50.5